MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 10/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Paul A. Miruzzi)**
**Vs**
**Mohan Bharwani**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ghan-nom u in rapprezentanza tas-scojeta' Tiara Company Limited u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u r-regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fis-27 ta' Frar, 2009, fil-hanut Tikams, Triq Dun Karm, Iklin, naqas hu jew impjegat tieghu li jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu

mhallas ghal dik il-provvista, w dan bi ksur tal-partiti 1,2,3 u 10 tat-Tlettax-ilSkeda w l-artikoli 51 u 77(a) u (e) ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998.
U aktar talli fl-istess zmien u post, naqas hu jew impjegat tieghu li jaghti jew jipproduci ricevuta ta’ taxxa li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta’ provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, w dan bi ksur tal-partiti 1,2,3 u 10 tat-Tlettax is-Skeda li dik il-provvista, w dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77(a) u (e) u 82 ta’ l-Att Numru XXIII ta’ l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-13 ta’ Jannar, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 51, 77(a)(e), 81 u 82 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati ta’ l-ewwel imputazzjoni w taghha kkundannataha multa ta’ sebgha mitt Euro (€700) u multa addizzjonali ta’ sebgha mija wiehed u sittin Euro u tmenin centezmu (€761.80) rapprezentanti ghaxar darbiet it-taxxa perikolata, peress li t-tieni imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-25 ta’ Jannar, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza w minflok ma ssibx lill-appellant hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
1. Illi l-appellant ircieva l-atti tal-akkuza w hassu ruhu aggravat bihom in kwantu l-Ewwel Qorti ghaddiet ghad-decizjoni taghha bhala rizultat ta’ apprezzament zbaljat u irragjonevoli tal-provi li tressqu quddiemha w dan peress li mill-provi prodotti quddiem dik il-Qorti, kemm it-

testimonjanza kif ukoll mid-dokumenti prodotti, dik l-istess Qorti ma setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni minnha milhuqa stante li mill-provi li gew sottomessi r-reat ma giex ippruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u ghalhekk l-appellant qed jinterponi dan l-appell;

2. illi mill-provi ghandu jirrizulta illi l-appellant ghandu sistema kompjuterizzata li hija appruvata wkoll mid-Dipartiment tal-VAT billi persuna li tmur tordna xi ghamara taghmel depozitu ta' flus u tinghata rcevuta temporanja halli aktar tard meta ssir il-konsenja w tinhareg "invoice" fiskali u fl-istess hin tinghata rcevuta fiskali. Din is-sistema hija approvata mid-Dipartiment. Dan ifisser illi l-"point of sale" qieghed isir meta jkun hemm il-konsenja tal-merkanzija li f'dan il-kaz hija l-ghamara li kienet ordnata. Qieghed jigi sottomess illi meta jsir id-depozitu ma hemmx il-"point of sale" imma rabta sabiex isir il-bejgh u ghalhekk mhiex dovuta dak il-hin il-VAT. Gara illi meta mar Spettur tal-VAT osserva persuna tghaddi flus lill-saleperson u tinghata ircevuta li ma kinitx fiskali u b'hekk haget l-akkuza. Gie sottomess mill-appellant illi din is-sistema hija approvata w ilha tintuza kif ukoll illi hemm hafna showrooms li juzaw din is-sistema, liema sistema tinxtara minn ditta ta' awdituri li ottjenew il-permess biex tintuza mid-dipartiment tal-VAT.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi li l-appellant huwa direttur tat-Tiara Company Limited u registrat bhala l-persuna responsabbli mal-Kummiassrju tal-VAT skond l-Att tan-1998 (Act XX111/1998). Fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar ta' l-elfejn u disgha (2009) mill-hanut Tikams, Dun Karm Street, l-Iklin sar bejgh ta' ghamara u l-klient hallas l-ammont kollu dovut. Minkejja dan ma nhargitx ircevuta fiskali izda l-klient gie mgharraf li din tinaghta mal-konsenja ta' l-ghamara. L-appellant issottometta illi s-sistema kompjuterizzata illi tirregola l-pagamenti tal-VAT hija wahda approvata mid-Dipartiment u ghalhekk bhala tali ma kellux jinsab responsabbli ghal nuqqas ta' hrug ta' rcevuta fiskali propju f'dak il-mument illi jsir in-negozju jew il-bejh. Qed jigi allegat illi dak l-ammont illi jithallas mill-

klient jitqies bhala depozitu biex imbaghad finalment mal-konsenja tinaghta l-ircevuta.

Ikkunsidrat:

Bir-rispett din il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument u taqbel pjanament ma l-argument migjub mill-ewwel Qorti fid-decizjoni taghha. Jibda biex jinghad illi meta jkun hemm ftehim dwar bejgh dana javvera ruhu u jkun kompjuz fil-mument illi l-oggett ikun identifikat u l-prezz miftehim. Jekk isir parti mill-pagament dana jkun depozitu on account tal-prezz imma mhux ‘il ghaliex il-bejgh propja jigi kompjuz dak inhar illi jsir il-pagament kollu. Ghalhekk f’dan il-mument id-Dipartiment tal-VAT hija ntitolata illi tesigi l-hrug ta’ l-ircevuta fiskali anke jekk il-pagament kollu ma jkunx ghadu thallas. F’dan il-kaz pero’ rrizulta illi l-klient hallas l-ammont kollu u minkejja illi naghta rcevuta fiskali nghata biss ircevuta bhala depozitu. U kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti minkejja illi s-sistema li qed tadopera t-Tiara Company Limited giet approvata mid-Dipartiment tal-VAT, dana ma jaghtix id-dritt lill-persuna registrata biex tohrog ircevuti meta jidrilha f’xi mument iehor wara illi jkun komkluz il-bejgh.
Ghalhekk l-appellant bhala l-persuna responsabbli jew il-persuna registrata ghandha l-obbligu illi tara illi d-dettami tal-ligi tal-VAT jigu osservati u fin-nuqqas ta’ dan ghandu jerfa’ r-responsabilta taghha. Hu principju stabbilit fil-Gurisprudenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula minn l-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevalment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha.

Din il-Qorti ghamlet l-apprezzament taghha u waslet ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti kienet ragonevoli u legali fil-konkluzjoni taghha. Ghalhekk mhux il-kaz illi tiddisturba dik id-deskrizzjoni u konkluzjoni. Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------